**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 27

**21 ta' Lulju 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 27.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

27.1.1 **Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Vici Sindku Oriana Calleja li ma setatx tattendi l-laqgha minhabba ragunijiet ta' deadlines li ghandha x-xoghol taghha. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet ghal raguni gustifikata.**

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.2.1 **Il-Minuti gew imressqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.**

**Ma kienx hemm korrezzjoni.**

## 27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

27.3.1 **Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-Pagamenti dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija.**

**Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv gibditlu l-attenzjoni li qed titlob xi xoghol lill-PKF li kien rebah it-tender tal-accountant izda qed tibqa bla risposta. Hija infurmatu li ilha hafna tikkuntatjah u tfakru izda ghadu ma ghamilx dak li talbitu.**

**Ghaldaqstant il-kunsill qabel li sakemm ma jaghmlux ix-xoghol li s-Segretarju Ezekuttiv qed titolbu, ghandna nzommu l-pagament.**

27.3.2 **Is-Sindku saqsa fuq il-pagament tal-Wikipedia Page. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li din kienet skema mahruga mir-Regjun Centru biex inqabdu supplier biex jaghmel update tal-Wikipedia. Is-Sindku qal li s-supplier qabel ma ghamel update tal-Wikipedia kellu jibghatilna l-kontenut biex l-kunsill ikun jista jiddiskuti u jaghti iktar informazzjoni fuq Ta' Xbiex li tista titla fuq il-Wikipedia.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet ukoll li hemm hafna residenti fejn jistghu jaghtu aktar informazzjoni fuq Ta' Xbiex li din nistghu ngibuha biss min ghand residenti li huma avvanzati fl-eta'.**

**Il-Kunsill qabel li ghandna naghmlu meeting mas-supplier u zzid iktar informazzjoni. Kif inkunu kuntenti bis-servizz il-Kunsill japrova l-pagament.**

27.3.3 **Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-kumplament tal-pagamenti. Il-Kunsillier Ronnie Portelli ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

## 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.4.1 **Is-Sindku qal li fit-toroq qed jara zieda sostenzjali ta' e-scooters. Huwa qal li l-AKL qed tohrog b'inizjattiva biex tghin lill-Kunsilli b'mod generali specjalment dawk il lokalitajiet li jattiraw hafna turisti. Is-Sindku qal li ahna nistghu nkunu parti minn progett pilota fejn naghzlu area biex issir docking station ghal dawn l-e-scooters. Biex niehdu sehem f'dan il-progett pilota, is-Sindku qal li rridu nissuggerixxu 3 postijiet fejn jistghu jigu installati.**

**Is-Sindku qal li huwa dahar mas-Segretarju Ezekuttiv u qal li l-ahjar postijiet huma:**
**- Fuq il-bankina quddiem il-Whitehall Mansions**
**- Hdejn il-Bring in Sites fil-car park tal-Yacht Marina**
**- wara l-bus stop fi Triq ix-Xatt in-naha tal-gnien**
**- Triq Sir Ugo Mifsud fejn ghamilna l-bicycle racks**

27.4.2 **Is-Sindku qal li l-Electoral Commission infurmawna li Triq ix-Xatt u Triq ir-Rampa Hemm xi djar li ghandhom numru tal-bieb hazin minhabba l-izvilupp li qed isir fil-bini. Huwa qal li se jkunu qed jaqbdu mill-Knisja tal-Imsida sal-Whitehall Mansions f'Ta' Xbiex u jkomplu ghal Triq ir-Rampa u fejn hemm il-garaxxijiet fi Triq ix-Xatt.**

**Is-Sindku jahseb li ghandna niehdu l-opportunita' li bi qbil mal-Kunsill Lokali tal-Imsida nitolbu biex jinbidlu l-konfini u niehdu sat-Triq Antonio Sciortino u b'hekk inkunu qed nziedu 6 postijiet ma Ta' Xbiex. Is-Sindku qal li ghandna nikkuntatjaw il-Kunsill Lokali tal-Imsida biex apparti rridu jiltaqaw u jitkelmu fuq door numbering, nitkelmu ukoll dwar anomaliji ohra li hemm bejn Ta' Xbiex u l-Imsida, inkluz Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Principessa Margerita u Triq Antonio Sciortino.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat zzied li Triq Principessa Margerita ghandha tkun kollha Mal-lokalita ta' Ta' Xbiex ukoll.**

**Il-Kunsill qabel.**

27.4.3 **Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv biex tispjega fuq il-Progett tal-WiFi4EU. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ltaqet mas-supplier u urietu l-postijiet li l-kunsill kien iddecieda. Hija spjegat li biex jinstala l-wifi ghandu bzonn modem li din trid tigi installata fuq post fuq gewwa. Ghaldaqstant il-postijiet li konna ghazilna m'humiex tajbin hlief il-Belvedere. Qalet ukoll li qed insibu din il-problema minhabba li wahda mir-regoli biex niehdu dawn il-fondi hija li ma nistghux ninstallaw l-modem go binja privata.**

**Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li nistghu naghmlu wiehed zgur fejn hemm il-Belvedere**

**u ninstallaw l-modem fil-kamra ta' fejn hemm il-pompi.**
**Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li nissuggerixxu li jsir Wifi fi Triq il-Kosbor u ssir modem fit-telephone box, Triq Abate Rigord fejn ghamilna il-progett il-gdid wara Blk B5 u fi Triq ix-Xatt fejn hemm il-Belvedere.**

## 27.5 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

27.5.1 **Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa lis-Sindku ghalfejn il-magna tal-ilma ghada mhux tahdem ghax issa ilha hafna hemm minghajr ma tinfunzjona. Is-Sindku qal li huwa infurmat li s-supplier qieghed jistenna permess ghall-meter tad-dawl u ilma.**

## 27.6 Rampa Triq Principessa Margerita;

27.6.1 **Is-Sindku qal li kien hemm talba mir-residenti li joqodu fi Blk B4 biex ikun hemm iktar accessibilita' minhabba li hemm residenta li qed ikollha bzonn wheelchair u minhabba li hemm parking bays quddiem il-blokka ma tkunx tista tinzel bil-wheelchair. Ghaldaqstant saqsewna biex issir rampa mil-bankina ghat-triq.**

**Il-Kunsill qabel.**

27.6.2 **Is-Sindku qal li fuq in-naha l-ohra fejn hemm il-blokkok tan-naha ta' C's hemm bankina gholja u hemm nuqqas ta' accessibilita'. Huwa ssuggerriexa li issir rampa ohra b'mod kumunali jew nkella wahda ghal kull blokka. Is-Sindku zied jghid li madanakollu jippreferi rampi komunali.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti taqbel li ssir in-naha l-ohra ghax ir-rampa tibda tintuza min nies ohra li jkollhom pushchair u trolleys tax-xirjiet ukoll. Izda rridu naghtu prijorita' fejn hemm bzonn l-iktar.**

**Il-Kunsillier Ronald Portelli jaqbel li ssir rampa ohra fuq in-naha tal-bankina l-ohra.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li fl-opinjoni tieghu ghandna naghmlu rampa biss meta jkun hemm talba mir-resident.**

**Wara diskussjoni, gie deciz li ghalissa naghmlu rampa tan-naha tal-blokkijiet tal-B's immedjatament u hekk jidhlu talbiet ohra nergu niddiskutu skond it-talba.**

27.6.3 **Il-Kunsillier Ronald Portelli qal li kien hemm talba mil-Blk B4 biex inhalsu r-railing li ghamlu mal-blokka taghhom. Huwa wera ix-xewqa li dan nhalsuh minhabba li fi Blk D5 konna ghamilna railing. Is-Sindku iccara li r-railing ma sarx man-naha tal-blokka dan sar minhabba s-safety tal-pubbliku kollu u mhux ghal dik il-blokka partikolari infatti r-railing kien twehhel mal-bankina.**

## 27.7 Interviews;

27.7.1 **Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hemm bzonn li l-interviews tal-part timer jsiru malajr kemm jistajkun ghax qed jaqa hafna xoghol b'lura u minhabba nuqqas ta' staff, is-sibtijiet il-Kunsill Lokali mhux qed ikun miftuh.**

**Is-Sindku Max Zammit qal li huwa kien ghazel il-board izda qatt ma rnexxielhom jsibu data li jista kulhadd ghax il-Vici Sindku Oriana Calleja bhalissa qed taghmel xi ezamijiet u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ghalissa qed tahdem online minhabba l-COVID-19.**

**Ghaldaqstant minhabba li ninsabu f'din is-sitwazzjoni fil-board tal-interviews se jkun is-Sindku Max Zammit, il-Kunsillier Ronald Portelli, il-Kunsillier Eugenio Muscat u s-Segretarju Ezekuttiv Yasmine Tonna. Gie deciz li l-interviews ghandhom jsiru nhar it-Tnejn 2 ta' Awwissu, 2021.**

27.7.2 **Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fuq il-vakanza li ghandna miftuha ghal skrivan/a full time intbaghtet lill-Kunsilli kollha izda s'issa ghada ma rcivietx cv's u din taghlaq fl-4 ta' Awwissu,2021.**

## 27.8 Quarterly Report 1;

27.8.1 **Is-Sindku Max Zammit ressaq ir-Rapport Finanzjarju ta' l-Ewwel kwart tas-sena. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti gibdet l-attenzjoni li l-flejjes li rridu naghtu lill-entitajiet ohra u l-fondi li dahhalna mill-Creek Developments irridu jigu taht capping differenti minhabba li int ma tistax tnaqqas expenditure minn income minghajr ma tikteb ghalfejn ghax jaghddi z-zmien u ninsew ghalfejn nizzilniehom taht other income u ma nkunux nistghu naghtu spjegazzjoni lill-awditur l-ammont li dahal skond quarterly report.**

**Il-Kunsill qabel li l-flus li rridu naghtu lill-entitajiet l-ohra rridu jitnizlu taht expenditure u l-flus li tawna l-Creek Development ghal upkeep and maintenance tal-yacht marina car park jigu taht other income.**

27.8.2 **Is-Sindku saqsa rigward differed income minhabba li din is-sena suppost fadal fondi** minhabba li **ma tantx ghamilna progetti mil-fondi tal-kunsill. L-accountant spjegat li hemm €78,000 differed income.**

## 27.9 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

27.9.1 **Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li resident talab biex il-Kunsill jaghmel bird houses minhabba li qed taghmel containers bl-ilma ghall-ghasafar u l-kennies ovjament innehiehom. Il-Kunsillier spjegat li minhabba s-shana qed immutu hafna ghasafar kif ukoll friefet il-lejl u anke kien hemm talba mil-Animal protection biex nhallulhom container bl-ilma biex issibu x'jixorbu.**

27.9.2 **Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hemm residenta ohra li tixtieq tkellimna rigward qtates.**

## 27.10 Rapporti mill-Kunsilliera;

27.10.1 **Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti xtaqet tigbed l-attenzjoni li hemm tabella fuq ‘NO lottering” li trid tinbidel ghax iccarat fi Triq Emanuel Galizia kantuniera ma Triq Giuseppe Cali**

## 27.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir **it-Tnejn 23 ta’ Awwissu** fil-hamsa u nofs ta’ filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tmienja u nofs ta’ filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 21 ta’ Lulju, 2021.

| | |
|---|---|
| **_IFFIRMATA_________** | **__IFFIRMATA______** |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |